MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 10/2015

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Joseph Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar it-12 ta' Jannar 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, sitt mija u disgha u tletin Ewro w tmintax-il centezmu (€5,639.18) bilanc ghad-debitu fil-"*Consumer Loan Account*"

tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “A”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-11 ta’ Novembru 2014 sad-data ta’ l-effettiv pagament, liema Loan giet moghtija lilu permezz ta’ skrittura privata datata 19 ta’ Dicembru 2012 (Dok. “B”).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok. “B”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Joseph Agius (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 16 ta’ Ottubru 2014 (Dok. “C”) u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi il- konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal John Francica datat 4 ta’ Gunju 2015 fejn thalliet kopja ta l-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta attrici (fol. 34 tergo) fejn thalliet ukoll kopja tar-rikors promotur fil-

Kunsill Lokali ta' San Giljan u fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan (fol. 34 tergo).

Rat illi l-konvenut gie notifikat ukoll bir-rikors permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-16 ta' Gunju 2015 (fol. 27) u fil-gazzetti lokali The Malta Independent u L-Orrizont nhar il- 25 ta Gunju 2015 (Dok. A u B) li kopji taghhom gew ipprezentati permezz ta' nota fit-30 ta' Gunju, 2015. (fol. 29 et seq.)

Rat illi fis-seduta tat-8 ta Lulju, 2015 il-konvenut gieimsejjah u deher pero' ma kkontestax it-talba attrici w gie mgharraf li din il-Qorti ser tghaddi ghas-sentenza.

Rat illi l-avukat difensur tal-bank attur ipprezentat Kapitolu u dan ghaliex il-konvenut kien deher aktar tard dakinhar stess.

Rat illi l-avukat difensur tal-bank attur ipprezentat ukoll nota fejn it-talba tal-bank attur giet ridotta u kkonfermat li l-bilanc dovut lill-bank attur huwa dak indikat fin-nota u cioe' dak ta' erbat elef, disgha mija w sitta w sittin Ewro u wiehed u tmenin centezmu ( €4,966.81).

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur is-somma ta' erbat elef, disgha mija w**

**sitta w sittin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€4,966.81) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-11 ta' Novembru 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------